VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 36**

Il-Ħamis 4 ta' Frar 2016

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu preżenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Il-Kunsillier Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. Il-Kunsillier Raymond Attard talab li jkun skużat.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 35 – Il-Ħamis 7 ta' Jannar 2016 kienu ikkonfermati.

- Il-laqgħa ġiet sospiża biex Ms Elisabeth Aquilina għajmet punt quddiem il-kunsill dwar permess li hemm pendenti quddiem l-MEPA biex jiġi attivat permess ta 1998 u propjeta' fi Triq it-Teatru ssir post kummerċjali għal xorb u ikel. Il-Kunsill qabel unaniment li għandu joġġezjona kontra dan il-permess.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli talab lis-segretarju ezekuttiv tagħti informazzjoni dwar laqgħa li saret mal-kunsilli ta' madwar il-port - Paegant of the seas.

1.2 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi talab lis-segretarju ezekuttiv jirranġa punt 1.3 tal-minuti preċedenti minħabba li mhux ċari. – Punt li kien qajjem Dr Norman Shaw biex isir reorganisation tal-parking fi Triq Sant' Ursola, s-segretarju ezekuttiv nfurmat li skont informazjoni li waslitilha kien hemm problemi bejn xi nies tal-lokal u anke kien hemm ilmenti ma' impjegati li setgħu waslu għal argumenti jaħarqu. Is-Segretarja nfurmat li ser tibgħat lil Transport Malta biex jiġu sanctioned. L-Kunsill Azzopardi nforma li transport malta mhux ser tapprova parking bays f'din l-area.

1.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-laqgħa dwar Triq l-Arċisqof bgħaqet ma saritx min Transport Malta u irċieva bosta lmenti mir-residenti biex din terġa tinfetaħ. Għalhekk is-Sindku propona li it-triq terġa tinfetaħ u għalhekk propona li jittieħed vot. Il-Viċi Sindku kif ukoll il-Minority leader qablu mal-proposta tas-Sindku. Il-Kunsilliera preżenti qablu li it-triq għandha tinfetaħ minbarra l-kunsillier Raymond Azzopardi li ma qabilx ma din il-proposta, minħabba l-fatt li sar restawr tal-ġenb tal-Palazz.

1.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-133, li ser issir laqgħa l-Minsteru ta' Joe Mizzi u ser iqajjem l-punti.

1.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li nbgħatet ittra lil Steel structures minħabba li abbandunaw is-sit ta' kostruzzjoni tal-Peacock garden. Il-bankijiet ser jitwaħlu la darba l- call for quotations tiġi aggudikata.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma rċieva risposta min ghand TM dwar it-Towing Zones fil-Belt. B'dispjaċir nforma li din ġiet rifjutata.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li fil-laqgħa li jmis ser jattendi Matthew Carbonaro biex jinforma l-Kunsillieri dwar l-attivitajiet ta' l-450 sena anniversarju.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar Award li ħa l-kunsill tal-Belt min għand l-Birdlife minħabba l-mod kif zdiedu l-għasafar fiċ-ċentru tal-Belt.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saret talba min għand l-Istituto Culturale Italiano biex ikollhom parkeġġ riżervat. Il-Kunsill unanimament qabel li dan jiġi rifjutat.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kiteb ittra lis-Sur Johann Buttigieg CEO Mepa dwar CPPS li huma fondi għal kunsill Lokali biex jintużaw għal skopijiet ta' Parking. Is-Sindku Prof Dingli nforma li ser jitlob biex dawn il-fondi jintużaw biex isir uplifting u relaying tal-bankini fil-Belt. Il-Minority zied li għandha ssir xi ħaga biex isir kontrol ta' vetturi kbar li qed jagħlu ħsara anke lit-toroq fil-Belt.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed issir l-applikazzjoni ta' Devoluzzjoni tal Cafe Premier biex din issir l-Uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill tal-Belt. Din ġiet is-sekondata mil-Viċi Sindku Christian Micallef u l-kunsill kollu qabel dwar dan.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 L-Viċi Sindku fakkar dwar l-*unloading sign* tal-parkeġġ fi Triq San Pawl.

3.2 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma dwar l-possibilita li ssir pedestrian crossing fi Triq San Pawl ma Triq il-ganċ minħabba li min hemm jaqsmu ħafna nies.

3.3 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li għandha ssir pedestrian crossing oħra fejn l-istitut ta' l-Ursolini minħabba li hemm jaqsmu ħafna nies ukoll.

3.4 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma tappieri f' republic street li baqaw miftuħin wara li nqalaw l-arbli tal-festa ta' San Pawl.

3.5 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li fi Triq Melita bejn San Pawl u St. Ursola hemm waħda mil-paviment li niżlet l-isfel. Dan biex isir rapport lil VRP biex titieħed azzjoni.

3.6 L-Kunsillier Vincent Farrugia nforma li għandu jsir xi ħaga minħabba s-sewqan eċessiv li qed isir ġewwa Triq San Pawl speċjalment fil-għaxija. Ghandu jsir studju biex il-kunsill jara x'jista jsir.

3.7 L-Kunsillier Vincent Farrugia nforma dwar ir-railing li kellu jsir fit-tarag ta' Gieżu. Dan minħabba li ħafna anzjani jużaw dan it-tarag. Is-Sindku nforma li s-Segrerarju Ezekuttiv għamlet interview biex tispjega l-proġett u qed tistenna risponsta dwar fondi.

3.8 L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li kellu telefonata min għand Julian Muscat l-persuna li tieħu ħsieb l-public conveniences tal-Belt dwar l- PC ta' Marsamxett minħabba li din ġiet vandalizzata aktar min darba.

3.9 L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma dwar dar abbandunata fi Triq Tramuntana li din hija ta' perikolu għar-residenti ta' l-akwati.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

4.1 L-Ambaxxatur Jake Scerri nforma li dwar zewg attivajiet li ser jagħmel f'Marzu li ser ikunu anke jagħmlu parti mill- attivitajiet tal-450 Sena anniversarju.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza mill-MEPA dwar infurzar ghal-tined bla permess fiċ-ċentru tal-Belt Kapitali. - Kantina Cafe u Luciano Bar and Restaurant.

5.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza mil-LCA dwar permess li nħareġ lil Luciano bar and restaurant kif ukoll lil Ms Mary Rose Piccinino għal tqegħid ta' mwejjed u siggijiet

5.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Fr Deo li ser issir l-purċissjoni tar-redentur

5.4 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Patri Alex Scerri biex isir parkeġġ riżervat għal patrijiet minħabba li m'għandhomx post fejn jipparkjaw u hemm ħafna patrijiet anzjani. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Blues Limited dwar advertising boards li jixtiequ jagħmlu fil-Belt. L-Kunsill qabel li dan ma jsirx.

5.6 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Mamo TCV biex isir unloading bar għal użu tagħhom. L-Kunsill qabel li dan ma jistax isir.

5.7 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Charles & Ron biex issir cover fuq kaxxa griża tas-servizzi li hemm viċin il-ħanut tagħhom.
5.8 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Maurizio Lapira ghan-nom ta' Teen Klabb dwar €650.00 biex ikomplu bil-ħidma mat-tfal. Il-kunsill qabel dwar dan.
5.9 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Mr Simon Vella biex isiru bollards quddiem il-bieb tiegħu għaliex qed jipparkjaw il-karozzi u jostakolawlu l-entratura. Il-kunsill qabel dwar dan.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Is-Segretarja preżentat l-Financial Statements 2015 lil-Kunsillieri. Dawn issa ser jintbgħatu lil Grant Thorton biex isir l-Audit. Il-Kunsill approvhom unanimament.
6.2 Is-Segretarja nfurmat li nħarġu tenders ta' Legal Services
6.3 Is-Segretarja nfurmat li tenders tat-tindif qedgħin fil-proċess li jagħlqu ukoll.
6.4 Is-Segretarja nfurmat li fil-bidu ta' Marzu ser isiru l-laqgħat tal-Kommunita'. Dawn ser isiru:
6.4.1 Parroċċa San Duminku – il-Ħamis 3 ta' Marzu fis-7.00pm
6.4.2 Parrooċċa Santu Wistin – il-Ġimgħa 4 ta' Marzu fl-10.30am
6.4.3 Parroċċa San Pawl – It-Tlieta - 8 ta' Marzu – 6.45pm

**TMIEM**

Fl-20.00hrs intemmet is-Seduta w giet aġġornata għal-Ħamis 10 ta' Marzu fis-19:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku